MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Numru 194/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**CARMELO GAUCI**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghha Carmelo Gauci 35 sena bin Thomas u Anna nee' Demicoli mwieled fil-Pieta' fis-16 ta' Lulju 1970 u li joqghod 45 Triq Dun Salvatore Zarb, Gharghur. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 298470(m)

Billi gie akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2006 ghall-habta tal-9.20 ta' filghaxija fi Triq Dun Salvatore Zarb Gharghur, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Silvana Gauci f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti

esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi spara diversi tiri ta’ arma tan-nar fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali hu ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr l-istess arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar f’post pubbliku.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

Semghet provi.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 21 ta’ Ottubru, 2008 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 21 ta’ Ottubru, 2008.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 21 ta’ Ottubru, 2008.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 23, 31, 533, 251A, 251B u 339(e) tal-Kap. 9, l-artikoli 3(1), 3(1A) u 26(a) tal-Kap. 66 u l-artikoli 24(2), 29 u 33(1) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Gauci, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 21 ta’ Ottubru, 2008 u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Carmelo Gauci ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Carmelo Gauci jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Carmelo Gauci sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u disghin Euro (Euro 1291) rappresentanti spejjez inkorsi bin-nomina ta’ esperti.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti rispettivament bhala Dok VAP5, Dok VAP6, Dok VAP7, Dok 06 APN 204, Dok 06 APN 205 u Dok 06 APN 206.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmelo Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------